**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 6 ta’ Marzu 2025**

**Kawża Numru: 14/2018**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justine Grech)**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs**

**Paul Debattista**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta’ **Paul Debattista** ta’ erbgħa u ħamsin (54) sena, iben John u Carmela nee’ Galea, imwieled tal-Pieta’, nhar it-tmienja (8) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u tlieta u sittin (1963), residenti ġewwa l-fond numru sitta u għoxrin (26), Triq l-Arkata, Paola, detentur tal-karta tal-identita’ Maltija bin-numru 104563(M);

Akkużat talli fis-sitta u għoxrin (26) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u/jew fil-jiem ta’ qabel ġewwa dawn il-Gżejjer;

1. Kellek fil-pussess tiegħek id-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kontx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-

esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kontx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollok d-droga msemmija fil-pussess tiegħek u nqast li tipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilek għall-użu tiegħek skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Inġurjajt jew heddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Talli sirt reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna ukoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri ta' nhar id-disgħa (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb

għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**:

Illi fl-udjenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), l-imputat kif debitament irrapreżentat, issolleva l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u dan kemm fid-dawl tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, kif ukoll fid-dawl tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat ġie notifikat għall-ewwel darba nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025);

Effetivament mill-atti jirriżulta li d-data tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat hija dik tas-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u/jew fil-jiem ta' qabel, u l-każ tressaq kontra l-imputat nhar il-ħamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018). Sussegwentement wara diversi tentattivi ta' notifika matul is-snin, l-imputat deher għall-ewwel darba quddiem din il-Qorti fl-udjenza ta' nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025);

Illi l-prosekuzzjoni eżebiet riferta li turi li l-imputat ġie notifikat nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u dan sabiex jidher għall-udjenza tas-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025);

Illi l-ewwel reat miġjub fil-konfront tal-imputat huwa punibbli ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-parametri tal-piena taħt is-subparagrafu (ii) huwa ta' bejn tlett xhur u sena priġunerija jew multa jew priġunerija u multa flimkien;

Illi t-tieni reat miġjub fil-konfront tal-imputat huwa punibbli ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fiż-żmien li seħħ l-allegat reat kien jipprovdi li min jinsab ħati, jeħel, "*il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanzi msemmijin f'dan l-*

*artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Fil-kalkolu tal-perjodu preskrittiv, irid jittieħed kont tal-massimu tal-piena indikata fil-parametri tal-piena li għaliha r-reat kif dedott kien ordinarjament soġġett. L-artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali jgħid hekk: *Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva.*

Skont l-Artikolu 688(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali: - *Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*
*(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba'snin u mhux anqas minn sena;*
*(e) bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet*

L-Artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali li jittratta l-ksur taż-żmien tal-preskrizzjoni, jgħid is-segwenti: 693.*(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fatt li għalih ikun imputat jew akkużat. (2) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser ukoll bil-mandat tal-arrest jew, jekk ma jkunx hemm lok għall-arrest, biċ-ċitazzjoni, għalkemm il-mandat talarrest jew iċ-ċitazzjoni jkunu baqgħu bla effett minħabba li l-imputat jew akkużat jinħeba jew jitlaq minn Malta. (3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur. (4) Il-ksur tal-preskrizzjoni għandu effett kontra dawk kollha li jkunu ħadu sehem fir-reat, għalkemm l-att li bih tkun ġiet miksural-preskrizzjoni jkun sar kontra wieħed biss.*

Jirriżulta li r-reati kontestati allegatament ġew kommessi nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u/jew fil-jiem ta' qabel. L-imputat ġie notifikat għall-ewwel darba nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), seba' snin u sitt xhur wara. Għaldaqstant minn dak hawn fuq stabbilit huwa ċar illi l-azzjoni kontra l-imputat hija preskritta.

**Decide**

Għaldaqstant wara li rat l-Artikolu 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 49, 50, 95, 533 u 688(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tiddikjara l-proċediment estint fil-konfont ta' Paul Debattista minħabba preskrizzjoni.

Il-Qorti qegħda tordna ukoll id-distruzzjoni tas-sustanza esebita u mmarkata bħala 'Dok GM', hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara